MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2003

Rikors Numru. 911/1997/1

Dr. Joseph Cassar Delia
vs
Kummissarju tal-Pulizija

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u precizament fis-7 ta' Lulju 1987, ir-rikorrent sofra ingustizzja fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997 meta l-impjieg tieghu bhala part-time Police Medical Officer gie terminat.

Il-fatti fil-qosor kienu dawn:

Ir-rikorrent originarjament kien impjegat bhala Medical Officer mad-Department of Health. Fl-14 ta' Settembru 1976 huwa kien gie assenjat ukoll id-doveri ta' Acting Police Medical Officer, ghall-ewwel kien jithallas mill-

istess Department of Health u wara t-30 ta' Settembru 1977 direttament mill-Korp tal-Pulizija.

Wara li r-rikorrent kien spicca mill-impjieg tieghu mad-Department of Health minhabba ragunijiet ta' sahha (attakk tal-qalb), is-Segretarju Amministrattiv b'ittra datata 10 ta' Novembru 1983, kien approva l-hatra tieghu bhala Part-Time Police Medical Officer. Fost id-doveri tieghu f'din il-kariga, ir-rikorrent kellu jattendi ghal mhux inqas minn 24 siegha fil-gimgha u d-doveri tieghu kienu jinkludu: (i) attendenza ta' kulljum fil-Police General Headquarters ghall-morning sick parade; (ii) viziti kulljum fid-djar tal-membri tal-korp li jirrappurtaw morda; (iii) assistenza waqt investigazzjonijiet tal-pulizija fejn ikun mehtieg taghrif mediku; (iv) lecturing lill-membri tal-korp; (v) doveri ohra kompatibbli mad-doveri msemmija; u (vi) doveri ohra assenjati lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Fl-1987 ir-rikorrent wara li kien talab il-permess kif provdut fl-Estacode, kien ikkontesta l-elezzjonijiet generali bhala kandidat mal-Partit Laburista. Huwa ma kienx gie elett u b'effett mit-13 ta' Mejju 1987 kien informa lill-Kummissarju tal-Pulizija skond l-Estacode li kien qed jerga' jassumi d-doveri tieghu bhala Police Medical Officer.

Fis-7 ta' Lulju 1987 il-Kmandant tal-Pulizija John Spiteri kien infurmah li l-impjieg part-time tieghu bhala Police Medical Officer mal-Korp tal-Pulizija kien gie terminat b'effett minn dak in-nhar stess.

Ma kienet inghatat ebda spjegazzjoni ghala l-impjieg tieghu kien gie terminat.

Minnflok ir-rikorrent, il-korp impjega tabib iehor, b'kundizzjonijiet ferm ahjar milli kellu r-rikorrent.

Illi r-rikorrent dejjem kien qeda d-doveri kollha tieghu bhala Police Medical Officer professjonalment u bi skrupolozita` u qatt ma kellu ilmenti. Huwa kien jaghmel u jlahhaq ix-xoghol kollu li kien rikjest minnu bhala Police Medical Officer. Ma kien hemm ebda raguni ghaliex kellu

jigi terminat l-impjieg tieghu. Ghalkemm kien talab spjegazzjoni din qatt ma nghatatlu.

Illi r-rikorrent dehrlu li l-unika raguni ghaliex l-impjieg tieghu kien gie terminat kien il-mottiv politiku minhabba li kien ikkontesta l-elezzjonijiet generali mal-Partit Laburista.

Illi b'konsegwenza diretta ta' din it-terminazzjoni, ir-rikorrent kien bata danni finanzjarji li ghalih kienu ingenti anke tenut kont li kellu familja kbira u dan l-impjieg kien is-sors principali ta' l-ghixien tieghu u tal-familja.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u konsegwentement jordna li jinghata rimedju ghall-ingustizzja li sofra fit-termini tal-ligi billi jinghatalu lura l-impjieg tieghu bhala Police Medical Officer, u li jithallas kumpens ghat-telf finanzjarju mgarrab b'konsegwenza ta' l-ingustizzji maghmula mieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija li eccepixxa :

1. Illi l-allegazzjonijiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi d-decizjoni sabiex l-impjieg part-time tar-rikorrent kienet wahda amministrattiva u necessarja

2. Illi t-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda stante illi ma jinkwadrawx ruhhom fl-Art. 6 tal-Att VIII tal-1997.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn qal li fl-1977 gie mahtur District Medical Officer bid-doveri ta’ Acting Police Medical Officer. Dawn id-doveri kienu jikkonsistu fl-attendenza kulljum fl-M.I. Room tal-kwartieri tal-Pulizija, janalizza r-rata ta’ assentejizmu, attendenza u ghoti ta’ xhieda f’kazijiet ta’ dixxiplina, attendenza u kura ta’ persuni mizmuma fil-lock-up. Kien ikun prezenti waqt investigazzjonijiet li kienu jsiru kif ukoll kien ikun prezenti bhala Chairperson tal-bordijiet medici fil-korp dawn fost doveri ohrajn.

Zied ighid li fi Frar 1980 gie appuntat Professional Officer Medical Grade 1 u f’Mejju 1983 l-appointment tieghu gie terminat minn bord mediku minhabba ragunijiet tas’ sahha. Kompla jghid li f’Novembru 1983 gie appuntat Police Medical Officer part-time. Semma li f’April 1987 talab leave specjali biex jikkontesta l-elezzjonijiet generali u meta dahal lura ghax-xoghol f’Mejju 1987 rega’ beda xoghlu fid-Dipartiment tal-Pulizija. Spjega li f’Gunju 1987 gie nfurmat li l-appointment tieghu kien ser jigi terminat u ma nghata l-ebda raguni ghal dan, u sar jaf li kien ser jigi appuntat Dr F. Saliba minfloku li kien kandidat nazzjonalista. F’Lulju 1987 gie nfurmat mill-Kmandant tal-Pulizija permezz ta’ ittra li l-impjieg tieghu kien gie tterminat. Hass li kienet saret ingustizzja mieghu u ghalhekk kiteb lill-Kurunell Spiteri u lill-Prim Ministru u kien baqa’ minghajr risposta.

Ir-rikorrent in kontro-ezami qal li ghalkemm kellu x-xoghol abbazi part-time is-sieghat li kien jaghmel kienu ta’ full time. Dawn is-sieghat kienu anki estizi bil-lejl u anki fil-festi. Qal li kien jithallas mis-sanita` imma f’xi zmien kien anki jircievi extra allowance mill-Kummissarju tal-Pulizija. Qal li l-ilment tieghu hu principalment dwar it-terminazzjoni ta’ l-impjieg tieghu u li wara impjegaw lil xi hadd iehor minfloku.
Is-Supretendent Ronald Kelly qal li r-rikorrent jiftakru bhala “police medical officer”. Qal li mill-file ma jidhirx li hemm ilmenti jew rapporti negattivi fir-rigward tar-

rikorrent. Hu esebixxa dokumenti minn fol 25 sa 28 tal-process li huma ittri dwar l-ispecial leave li kien gie koncess lir-rikorrent meta hareg ghall-elezzjoni tal-1987. Esebixxa wkoll l-ittra esebita a fol 29 fejn qed jinghad li r-rikorrent ser jigi terminat minn Duty Medical Officer.

Xehed Vince Piccinino bhala rapprezentant tal-Management and Personnel Office li qal hu possibli jkollok persuna impjegata fuq bazi part-time. Meta kkonsulta l-file “filling of posts for police medical officers” m’hemm xejn dwar l-ingagg u lanqas dwar it-terminazzjoni ta’ l-impjieg ta’ Dr. Cassar Delia. Qal li l-ewwel referenza li tezisti fil-file hi ittra rigwardanti sieghat li kien jahdem Dr. Cassar Delia fl-1977. Qal li sab ittra ohra wkoll ta’ l-1985 fejn il-Kummissjoni tal-Pulizija kien qed jitlob lill-Gvern fejn ighid li s-servizz li kellu dak iz-zmien ma kienx sodisfacenti u kien hemm bzonn persuna full time minflok dawk part time. Zied ighid li hemm referenza fil-file li Dr Cassar Delia kien gie ri-ingaggat bhala Police Medical Officer fuq bazi part-time.

Qal ukoll li minn tiftix li ghamel sab li nhatar Dr Francis Saliba minflok Dr Cassar Delia. Sab li Dr saliba kien jokkupa l-post fl-1976 u kien gie rtirat fuq “grounds of public interest” u f’Lulju 1987. Dr Saliba gie re-instated. Qal li Dr Saliba sar police medical officer b’effett mit-23 ta’ Awissu 1988, u dan li wara l-Kummissarju tal-Pulizija ghamel rakkomandazzjoni lill-P.S.C., u l-P.S.C. ghamlet ir-rakkomandazzjoni ghal dan il-ghan. Spjega li din hi l-procedura. Qal li wara li ghamel iktar verifiki sab li Dr Saliba kienet inhargitlu charge ta’ dixxiplina skond regulation no 14 tal-P.S.C. Zied ighid li l-Bord ta’ dixxiplina immexxi mill-Magistrat Dr Joseph Debono, kien sabu hati u rrakomanda t-tkeccija tieghu. Spjega wkoll li meta gie re-instated Dr Saliba, il-kaz tieghu gie rivedut mill-P.S.C., u l-P.S.C. ikkonkludiet li d-decizjoni ta’ qabel kienet zbaljata. Izda Dr Saliba gie re-instated qabel gie rivedut il-kaz tieghu.

Xehed il-Brigadier John Spiteri li kien Police Commissioner bejn Lulju 1987 u Gunju 1988. Hu kkonferma l-firma tieghu f’dokument a fol 4 tal-process.

Qal li din ma kenitx decizjoni tieghu izda saret b'konsultazzjoni mal-membri tal-Korp u mal-Pulizija. Qal li hu kien ha d-decizjoni li fl-interess tas-servizz kellu jigi terminat il-kuntratt tar-rikorrent u kien gie deciz li jsir medical officer gdid.

Xehed Louis Cilia Permanent Secretary fil-Ministeru tal-Intern. Qal li lil Dr Cassar Delia ma jafux u l-ewwel tabib li jiftakar kien Dr Saliba, li fil-kaz tieghu kien hemm re-instatement u warajh kien hemm Dr Sciberras. Qal li meta Dr Saliba ha hatra ohra l-post tieghu gie vakanti. Dr Sciberras kien gie mahtur wara sejha ghall-applikazzjoni u skond il-procedura tal-P.S.C.

**KONKLUZJONJIET:**
Illi t-tieni eccezzjoni tal-intimat hija li t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda stante li ma jinkwadrawx ruhhom fl-Art. 6 tal-Att VIII tal-1997. Illi din l-eccezzjoni hija bazata fuq il-fatt li r-rikors in kwistjoni jirrigwarda terminazzjoni ta' impjieg part-time bhala Police Medical Officer tar-rikorrent gie terminat. It-Tibunal gja kellu l-okkazjoni li jezamina jekk ghandhux kompetenza ***ratione materiae*** f' kazijiet ta' terminazzjoni ta' impjieg fil-kawza fl-ismijiet Joseph Barbara vs Med Serv Limited et deciza fl-10 ta' Mejju, 1999 fejn qal:

"Illi hu opportun li l-ewwel nett it-Tribunal jezamina jekk hux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent. Hawn wiehed irid bil-fors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid:

"6. (I) It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

F'dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta' l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba' rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatti l-istess artikolu 6 ta' dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-

legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi.

Bazikament l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq terminazzjoni ta' impieg. Issa terminazzjoni ta' impieg ma tissemma f'ebda wiehed mill-paragrafi (a) sa (d). "Ubi lex voluit dixit". Il-ligi ma tuzax kliem fis-sens li l-ilmenti indikati huma ezempji ta' ilmenti, izda huma ezattament l-ilmenti li fir-rigward taghhom dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni.

Ta' min izid li l-artikolu 28 tal-Kap 266 l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali jghid:

"Minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra, t-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklusiva li jikkunsidra u jiddecidi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi , u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci ghall-ksur tad-drittijiet tieghu li ma jitkecciex b'mod ingust ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'ohra:"

Il-lokuzzjoni wzata hija cara li t-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklusiva fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta. Hemm kazijiet li jaqghu taht l-Qorti Civili [skond in-natura tal-kuntratt] u anke quddiem il-Kummissjoni ta' l-Impiegi taht il-Kostituzzjoni jekk ikun jahdem f'azienda Governattiva jew kwazi-governattiva.

Ghalhekk, salv kif ser jinghad aktar l-isfel f'dan il-paragrafu, terminazzjoni ta' impieg mhux ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal. Ara wkoll Andrew Caruana vs Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni et deciza fit-2 ta' Frar, 1999. L-uniku kaz fejn dan ma japplikax huwa fil-kaz tal-"constructive dismissal" dejjem bazat fuq ingustizzja kif imsemmi fl-artikolu 6 (1). Ara "Charles Azzopardi vs Selmun Company Limited et" deciz in parte fil-15 ta' Dicembru, 1997, u f' "Patrick Dato Mallia vs Malta Development Corporation" deciz ukoll in parte fil-11 ta' Marzu, 1998.

Dan l-ilment ghalhekk ma huwiex ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal. L-istess pricipju gie applikat fil-kazi deciz mit-Tribunal fil-kaz ta' Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 li kien jikkoncerna hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni, fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna Bonus kif ukoll allowances", fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna l-ghoti ta' medalja, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna kwistjoni dwar leave, J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna nuqqas ta' hlas ta' paga."

Mis-suespost jidher car li ilment li saret ingustizzja dwar terminazzjoni part time ta' impjieg bhala Police Medical Officer tezorbita mill-kompetenza ta' dan it-Tribunal ***ratione materiae*** u ghalhekk it-Tirbunal jilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

-------------------------------TMIEM-------------------------------